31987R1181

30.4.1987 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 113/31

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1181/87

tad-29 ta'April, 1987

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2220/85 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' garanziji għall-prodotti tal-biedja

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2727/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali ([1]), kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 1579/86 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 7 (5), 8 (4), 12(2), 15(3) u (5), u 16(6) tiegħu, u d-disposizzjonijiet korispondenti tar-Regolamenti l-oħra dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq rigward prodotti agrikoli, kif ukoll provvedimenti oħra fir-Regolamenti dwar organizzazzjoni komuni ta' swieq li, meta applikati fil-prattika, jipprovdu għal garanzija,

Wara li kkunsidrat Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 525/77 ta' l-14 ta' Marzu 1977 li jistabbilixxi sistema ta' għajnuna għall-produzzjoni ta' ananas ibbottiljati ([3]), kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 1699/85 ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1079/77 tas-17 ta' Mejju 1977 dwar levy ta' responsabbiltà reċiproka u dwar miżuri biex jitwessgħu is-swieq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib ([5]), kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 1338/86 ([6]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2169/81 tas-27 ta' Lulju 1981 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għas-sistema ta' għajnuna għat-tajjar ([7]), kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 3128/86 ([8]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 (3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1431/82 tat-18 ta' Mejju 1982 li jistabbilixxi miżuri speċjali għall-piżelli, fażola u lupini ħelwin ([9]), kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 3127/86 ([10]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(5) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1677/85 tal-11 ta' Ġunju 1985 dwar l-ammonti ta' flus f'kumpens għall-biedja ([11]), kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 90/87 ([12]) u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 ([13]) jipprovdi li proporzjon ta' garanzija tintilef b'mod li jikkorrispondi ma' l-importanza tal-ħtieġa mhix osservata; billi s-sinifikat ta' ksur tal-ħtiġiet subordinati jista' jkun assimiljat massinifikat tal-produzzjoni ta' prova fit-tard li l-ħtiġiet primarji kollha kienu ġew milħuqa; billi, għalhekk, il-konsegwenzi għandhom fiż-żewġ każi jkunu l-istess; billi r-Regolament (KEE) Nru 2220/85 għandu għalhekk ikun emendat kif meħtieġ;

Billi, biex ikun evitat xi dubju, kull kuntest li fih huwa relevanti li jkun ikkunsidrat jekk ikunx seħħ jew le każ ta' forza maġġuri għandu jkun speċifikat;

Billi ċerti emendi li jikkjarifikaw it-test tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85 u li jemenda l-qasam ta' applikazzjoni ta' ċerti termini għandhom isiru fid-dawl ta' l-esperjenza; billi fl-istess ħin żball fit-test Olandiż għandu jkun ikkoreġut;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitati Amministrattivi relevanti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 2220/85 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

   (a) Fil-paragrafu 1 fil-verżjoni Olandiża, "waarborg" hija mibdula b'"zekerheid".

   (b) Il-Paragrafu 2 huwa mibdul b'dan li ġej:

   "2. La darba d-data ta' l-għeluq biex ikun muri l-intitolament finali għas-somma mogħtija jkun skada mingħajr il-produzzjoni ta' evidenza tal-intitolament, l-awtorità kompetenti għandha immedjatament issegwi mal-proċedura fl-Artikolu 29.

   Id-data tal-għeluq tista' tkun posposta f'każ ta' *force majeure*.

   B'dana kollu, meta l-leġislazzjoni tal-Komunità hekk tipprovdi, evidenza tista' xorta tkun ipproduċuta wara dik id-data permezz ta' pagament parzjali mill-ġdid tal-garanzija."

([1]) ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 1.
([2]) ĠU L 139, ta' l-24.5.1986, p. 29.
([3]) ĠU L 73, tal-21. 3.1977, p. 46.
([4]) ĠU L 163, tat-22.6.1985, p. 12.
([5]) ĠU L 131, tas-26.5.1977, p. 6.
([6]) ĠU L 119, tat-8.5.1986, p. 27.
([7]) ĠU L 211, tal-31.7.1981, p. 2.
([8]) ĠU L 292, tas-16.10.1986, p. 2.
([9]) ĠU L 162, tat-12.6.1982, p. 28.
([10]) ĠU L 292, tas-16.10.1986, p. 1.
([11]) ĠU L 164, ta' l-24.6.1985, p. 6.
([12]) ĠU L 13, tal-15.1.1987, p. 12.
([13]) ĠU L 205, tat-3.8.1985, p. 5.

2. Il-paragrafu 6 li ġej huwa miżjud ma' l-Artikolu 20:

"6. Għall-iskopijiet ta' dan it-Titolu 'il-parti relevanti tas-somma ggarantita' tkun tfisser li parti tas-somma garantita li tikkorrispondi għall-kwantità li dwarha il-ġtieġa tkun tkun ġiet miksura"

3. Il-paragrafi 1 u 2 ta' l-Artikolu 22 huma mibdula b'dan li ġej:

"1. Il-Garanzija għandha tintilef kollha kemm hi għall-kwantità li dwarha l-ħtieġa primarja ma tkunx twettqet, sa kemm dan in-nuqqas ta' twettiq ma jkunx minħabba forza maġġuri.

2. Ħtieġa primarja għandha titqies li ma tkunx inkisret jekk l-evidenza relevanti ma tkunx prodotta fiż-żmien stipulat għall-produzzjoni ta' dik l-evidenza apparti milli fil-każ ta' forza maġġuri ma tkunx ħalliet il-produzzjoni ta' dik l-evidenza li ssir fiż-żmien stipulat. Il-proċedura fl-Artikolu 29 għall-irkupru tas-somma mitlufa għandha tkun segwita minnufih."

4. Dan li ġej huwa miżjud ma' l-Artikolu 22(4):

"... apparti milli fil-każ ta' *force majeure* li ma jkunx ħalla li sseħħ il-preżentazzjoni ta' din l-evidenza f'dak il-perjodu."

5. L-Artikolu 24(1) huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Nuqqas li jitwettqu wieħed jew aktar ħtiġiet subordinati għandu jwassal għas-sekwestru ta' 15 % tal-parti relevanti tas-somma ggarantita sa kemm *force majeure* ma jkunx ipprevjena t-twettiq."

6. L-Artikolu 25 huwa mibdul b'dan li ġej:

"L-Artikolu 25

Jekk tkun prodotta evidenza li l-ħtiġiet primarji kollha kienu osservati imma li ż-żewġ ħtiġiet sekondarji u wkoll subordinati ikunu nkisru, l-Artikoli 23 u 24 għandhom japplikaw u s-somma totali li tkun issekwestrata għandha tkun is-somma isekwestrata bi qbil mal-Artikolu 23 flimkien mal-15 % tal-parti relevanti tas-somma ggarantita."

7. L-intestatura li ġejja hija mdaħħla wara l-Artikolu 26:

"TITOLU VI

Provvedimenti Ġenerali"

8. L-intestatura segwenti hija mħassra wara l-Artikolu 28:

"TITOLU VI

Provvedimenti Ġenerali"

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 1 (6) għandu japplika biss għall-garanziji mwiegħda wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 29 ta' April 1987.

Għall-Kummissjoni

Frans ANDRIESSEN

Viċi-President